MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 43/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Johann Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Johann Ciantar talli fl-13 ta' Marzu 2004, ghall-habta tat-3.00 a.m., waqt li kien gewwa Paceville, San Giljan;

1) Hebb kontra Rachael Tua u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Christopher Scerri u Dr. Allan Drago;
2) Ingurja jew hedded lil Rachael Tua bil-kliem;

3) Fl-istess data, hin u post, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg li kienet liebsa Rachael Tua, liema hsara ma teccedix il-Lm50;
4) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Rachael Tua sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika biex flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' soma flus li tigi ffissata mill-Qorti;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-appellant (allura imputat) hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ta' sebat ijiem ghal kull wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Johann Ciantar ipprezentat fil-25 ta' Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u anke in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet izda tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ta' sebat ijiem ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet u konsegwentement tissostitwixxi l-piena inflitta b'wahda li hija aktar xierqa ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena. L-appellant jikkonsidra li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija eccessiva peress illi (1) huwa nstab hati ta' l-ekwivalenti ta' zewg

kontravvenzjonijiet; (2) xehed il-verita` dwar l-aggressjoni; (3) l-ewwel Qorti njorat ic-cirkostanzi li kienu ghaddejjin minnhom hu u Rachel Tua; (4) kollox hu punibbli bhala kontravvenzjoni.

Huwa minnu li l-pieni nflitti mill-ewwel Qorti huma dawk applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet. Jirrizulta pero` li l-appellant instab hati, kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, ta' delitt – dak li ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rachel Tua. Peress illi rrizulta li din kienet ta' importanza zghira, l-ewwel Qorti applikat piena li hija applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet, cioe` l-piena ta' detenzjoni (fejn il-piena massima hija dik ta' xahrejn). Jekk l-appellant xehed il-verita` quddiem l-ewwel Qorti – l-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti – din m'ghandhiex tigi kkunsidrata bhala xi attenwanti peress illi kulhadd huwa mistenni li, taht gurament, jghid il-verita`. Barra minn hekk, kienu x'kienu c-cirkostanzi ezistenti bejn l-appellant u Rachel Tua, l-appellant ma kellu qatt dritt li jaggredixxi lill-imsemmija Tua.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet fejn irrimarkat li f'kazijiet ta' vjolenza fizika, bhala norma l-piena ghandha tkun dik tat-tnehhija tal-liberta` personali ta' l-individwu, u cioe` prigunerija jew detenzjoni skond il-kaz. Naturalment iridu jigu kkunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Il-fedina penali ta' l-appellant zgur mhijiex xi wahda ezemplari. Difatti jirrizulta li diga` nghata l-beneficcju ta' *conditional discharge* f'zewg okkazjonijiet differenti – fid-9 ta' Frar 1993 ghal perijodu ta' gimgha meta nstab hati li saq vettura b'manjera perikoluza u traskurata, u fit-30 ta' Settembru 2004 ghal perijodu ta' disa' xhur meta nstab hati ghal pussess ta' kokaina u ta' raza tal-cannabis. Inoltre gie kkundannat ghall-hlas ta' multi jew ammendi f'mhux anqas minn tmien okkazjonijiet, numru minnhom in konnessjoni ma' glied.

Din il-Qorti pero` hi tal-fehma, wara li semghet ix-xiehda tal-prosekuzzjoni u s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, li, stante li l-parti leza f'dan il-kaz aktar trid assigurazzjoni li l-appellant ma jersaqx lejha u ma

jimmolestaha bl-ebda mod, din il-Qorti tqis ta' deterrent aqwa li l-appellant jinghata perijodu twil ta' *conditional discharge* filwaqt li torbtu wkoll taht obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. L-appellant irid jirrejalizza li kull relazzjoni li kellu ma' Rachel Tua hija llum terminata u ghandu jaghraf jghix il-hajja tieghu u ma jkomplix jindahal f'dik ta' l-imsemmija Tua. Bla dubbju ta' xejn jekk l-appellant ma jaghrafx jaccetta din l-ahhar opportunita` li din il-Qorti sejra tikkoncedilu b'mod li jerga' jikkommetti xi reat iehor, m'ghandux jistenna xi piena miti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u tar-raba' imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ta' sebat ijiem ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet, u minflok tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn millum a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u inoltre torbot lill-appellant li ma jimmolesta b'ebda mod lil Rachel Tua u l-familja taghha, u dan b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt liri Maltin (Lm100) fin-nuqqas u ghal perijodu ta' tnax-il xahar, liema obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------